**ĦAL QORMI**
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto) IS-SITT KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 11 IL-ĦAMIS 10 TA' JANNAR 2013**

Il-Kunsill Lokali Itaqa' nhar il-Ħamis 10 ta' Jannar 2013 fis-6.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet fis-6.35 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Disa' Kunsilliera)**

Rosianne Cutajar, Jesmond Aquilina, Ralph Puli, Bjorn Azzopardi, Robert Cremona, Jerome Caruana Cilia, Charles Farrugia, Antoine Saliba u Sean Meli.

Il-Kunsilliera Jason Busuttil u Margaret Mercieca kienu skużati.

**TALBA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** qalet it-talba.

**11/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 10**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 10 li nżammet nhar it-Tnejn 3 ta' Dicembru 2012, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Sean Meli** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Disa' Kunsilliera (09) preżenti**. Ħadd ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta numru 10 ġew approvati unanimament** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**11/02 MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

**11/02/01** Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li hemm bzonn issir il-Laqgħa Annwali tal-Lokalita'. Il-Kunsill qabel unanimament li din issir bejn it-tielet ġimgħa u l-aħħar ta' Marzu 2013.

**11/02/02** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat li l-Kunsill li peress li l-Kunsillier is-Sur Ralph Puli ma setax jattendi fuq il-Bord tal-Aggudikazzjoni tal-Heritage Trail: Riabiltazzjoni tal-Playing Field f'tal-Blat, innominat lill-Kunsilliera Margaret Mercieca floku. Il-Kunsill approva. **Is-Sindku** kompliet li hija kienet qed tinnomina lill-Perit David Mifsud Parker bħala l-perit fuq il-Bord tal-Aggudikazzjoni tal-Heritage Trail: Manutenzjoni ta' ħitan tas-sejjiegħ u tal-passaġġi bil-konkrit. Is-Sindku ippreżentat l-istima għal dan is-servizz. Il-Kunsill approva *nem.con*.

**DOK 'A'**

**11/02/03** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-attivita' li saret fil-festi tal-Milied fuq inizjattiva tal-ħaddiema tal-Kunsill, b'risq Angela House, fejn il-Kunsill ma ħariġx flus, iżda kienet attivita' li saret grazzi għall-qalb kbira tal-qriema, kienet suċċess u ipproponiet li din l-attivita' tidħol fil-kalendarju tal-Kunsill. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

**11/02/04** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li ġiet avviċinata minn resident ta' Blokk 12 De La Cruz, dwar xogħol li kien sar fil-bitħa ta' quddiem il-Blokk li skont dan ir-resident ma sarx sew u qed tinżamm għadira. Il-Viċi-Sindku fakkar li huwa kien mar fuq il-post mal-perit tal-Housing flimkien mal-Kap tal-Awtorita' tad-Djar u sussegwentament kien ġie deċiż li ma jsir l-ebda intervent peress kien hemm bżonn li tinqala l-art kollha. Il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa' mal-perit tal-Kunsill u l-kuntrattur li għamel ix-xogħol biex tinstab soluzzjoni ħalli tiġi rranġata din il-biċċa pavimentar.

**11/02/05** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li d-Dipartiment bagħat l-allokazzjoni lill-Kunsill, li hija inqas minn tas-sena l-oħra

**DOK 'B'**

**11/02/06** **Il-Vici-Sindku Jesmond Aquilina** xtaq jirreġistra li huwa diżappuntat li għal-laqgħa li kien hemm biex jiġu ffirmati l-kuntratti mal-għaqdiet sportivi, il-kunsilliera ma ġewx notifikati biex jattendu bħalma kien isir fis-snin passati. Is-Sindku Rosianne Cutajar spjegat li dan kien nuqqas ġenwin. Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi kompla li huwa jaqbel mal-Viċi-Sindku u talab għall-aktar attenzjoni fil-futur biex ma jkunx hemm *misunderstandings*.

**11/02/07** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-laqghat tal-Kunsill fi Frar ma tistax issir nhar ta' Tnejn peress li hi tkun indisposta. Il-Kunsill qabel unanimament biex is-seduti li jmiss isiru fis-7 ta' Frar u fit-18 ta' Marzu 2013.

## 11/03 PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' DIĊEMBRU 2012

**Is-Sindku** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Diċembru 2012, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropuniet l-approvazzjoni tal-pagamenti. **DOK 'C1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Diċembru 2012
**b)** *Bank Payments* Diċembru 2012
**c)** *Petty Cash* Diċembru 2012

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** ssekonda.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

**11/04 MOZZJONIJIET**

**11/04/01 MOZZJONI NRU 52/2012(VI)**

**Il-Kunsillier Antoine Saliba Haig** ressaq il-mozzjoni Nru 50/2012 (VI).

"Nipproponi sabiex il-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi joħloq arkivju (Melitensia) dwar Ħal Qormi, fejn inħeġġu lill-pubbliku partikolarment studenti u storiċi, sabiex jagħtuna kopja ta' kull teżi jew publikazzjoni li tikkonċerna lil Ħal Qormi.

~~Din il-mozzjoni tinkludi ix-xiri ta 'showcase' li titqiegħed fil-Kunsill u l-pubbliku jkun jista' jagħmel użu minnha."~~

Wara diskussjoni saret emenda mill-Kunsililer Antoine Saliba Haig fejn flok l-aħħar sentenza ġiet taqra "*Kopja ta' dawn it-teżi jew pubblikazzjonijiet għandhom jitpoġġew f'sezzjoni apposta fiż-żewġ libreriji pubbliċi.*"

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ssekondat din il-mozzjoni bl-addenda msemmija hawn fuq.

**Ivvutaw Favur id-Disa' (09) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-Mozzjoni 52/2012 (VI) kif emendata. Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** xtaq jirrimarka li kien japprezza kieku saret konsultazzjoni miegħu qabel ma' ġiet imressqa

din il-mozzjoni peress li tikkonċerna responsabbilta' li taqa' taħt il-kariga tiegħu.

**11/04/02 MOZZJONI NRU 53/2012(VI)**

**Il-Kunsillier Sean Meli** ressaq il-mozzjoni Nru 53/2012(VI)

"Wara diskussjoni li saret fi ħdan is-Sotto Kumitat Ħarsien Soċjali, Saħħa u Persuni b'diżabbilita' qed nipproponi li s-sena d-dieħla fil-qasam soċjali tkun iddedikata għat-tfal. L-għan ta' wara din is-sena hija li jittellgħu attivitajiet relatati mat-tfal u kif ukoll tinħalaq kuxjenza fuq l-abbuż tal-minuri.

Nipproponi sabiex jittellgħu dawn l-attivitajiet kif diskuss waqt is-sotto-kumitat :-
'It-tfal għożża għalina lkoll Naħdmu lkoll għal ġid ta' wliedna'

Attivitajiet/inizjattivi:

- X'nifhmu bħala abbuż?
- X'inhu l-abbuħ fuq it-tfal? Psikologiku, sesswali, bullying etc.
- X'attivitajiet li jistgħu jsiru li jinkwadraw l-abbuż fuq it-tfal?
- Stands waqt il-festivals nazzjonali f'Ħal Qormi
- Promozzjoni bieb, bieb fuq l-abbuż tal-minuri
- Painting competition/drawings competition
- *Drama sessions*
- Literature competition
- Talk mill-Pulizija (hawn it-tfal ikollhom talk ġewwa l-għassa tal-Pulizija biex b'hekk it-tfal l-ewwel nies ikunu jafu fejn hi l-għassa u anke jiġu familjari mal-fatt li jekk ikunu fit-triq u jkun hemm xi fastidju u jaraw Pulizija jafu li huwa *reference point* li jista' jgħinhom). Wara ngħidu lil girls/boy scout biex jagħmlu xi tip ta fun games ta' scouts jistgħu jagħmlu xi parata żgħira qalb toroq ta Ħal Qormi
- l-aspett spiritwali fejn quddiesa ta' dik il-ġurnata, il-qassis jitkellem fuq spiritwalita u abbuż tkun xi ħaġa tajba jekk xi drama group ġewwa Ħal Qormi tanima il-quddiesa. "

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ssekondat din il-mozzjoni

**Ivvutaw Favur Disa' (09) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-Mozzjoni 53/2012 (VI).**

**11/04/03 MOZZJONI NRU 54/2012(VI)**

**Il-Kunsillier Sean Meli** ressaq il-mozzjoni Nru 54/2012(VI)

"Sabiex il-Kunsill jaħdem favur inizjattivi li joffru kwalitá ta' ħajja aħjar lir-residenti tagħna, nipproponi sabiex il-Kunsill jagħmel studju dwar il-ħajja tar-residenti sabiex bħala Kunsill Lokali nkunu nistgħu noffru servizzi soċjali b'risq iċ-ċittadini fl-edukazzjoni, servizzi soċjali u servizzi ta' saħħa.'

Qed nipproponi li dan il-kwestjonarju li qed jiġi anness, wara diskussjoni li saret flimkien mas-Sotto-Kumitat Ħarsien Soċjali, Persuni b'diżabbilita' u kif ukoll Saħħa, tiġi maħruġa sejħa ta' kwotazzjonijiet fuq mili ta' dan il-kwestjonarju, inputting ta' data u kif ukoll analiżi tad-data miġbura.

Kull kwestjonarju li jinġabar jibqa' propjeta' tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi."

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ssekondat din il-mozzjoni

**Ivvutaw Favur Disa' (09) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-Mozzjoni 53/2012 (VI)**

**11/04/04 MOZZJONI NRU 54/2012(VI)**

**Il-Kunsillier Sean Meli** ressaq il-mozzjoni Nru 54/2012(VI)

"Sabiex il-Kunsill jaħdem favur inizjattivi li joffru kwalitá ta' ħajja aħjar lir-residenti tagħna, nipproponi sabiex il-Kunsill jagħmel studju dwar il-ħajja tar-residenti sabiex bħala Kunsill Lokali nkunu nistgħu noffru servizzi soċjali b'risq iċ-ċittadini fl-edukazzjoni, servizzi soċjali u servizzi ta' saħħa.'

Qed nipproponi li dan il-kwestjonarju li qed jigi anness, wara diskussjoni li saret flimkien mas-Sotto-Kumitat Ħarsien Soċjali, Persuni b'diżabbilita' u kif ukoll Saħħa, tiġi maħruġa sejħa ta' kwotazzjonijiet fuq mili ta' dan il-kwestjonarju, inputting ta' data u kif ukoll analiżi tad-data miġbura.

Kull kwestjonarju li jinġabar jibqa' propjeta' tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi."

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ssekondat din il-mozzjoni

**Ivvutaw Favur Disa' (09) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-Mozzjoni 54/2012 (VI) sabiex tinħareġ sejħa għall-offerti biex il-Kunsill ikollu idea ta' kemm huma l-ispejjeż involuti. Il-Kunsill għad irid jiddeċiedi jekk jagħmilx dan il-kwestjonarju.**

**11/04/05 MOZZJONI NRU 55/2012(VI)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet il-mozzjoni Nru 55/2012(VI) li f'isem il-**Kunsillier Jason Busuttil** li ippreżenta din il-mozzjoni li iżda kien skużat.

"Nipproponi li l-Kunsill japprova n-nefqa ta' madwar Euro €2330 sabiex tiġi organizzata sfilata tal-Karnival fi Triq il-Vitorja nhar il-Ġimgħa 8 ta' Frar 2013.

Din l-isfilata tinvolvi s-sehem tat-tlett baned qriema, bosta kumpaniji taż-żfin u Maskaruni tal-Karnival Nazzjonali."

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ssekonda din il-mozzjoni

**Ivvutaw Favur Disa' (09) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-Mozzjoni 55/2012 (VI).**

**11/04/06 MOZZJONI NRU 56/2012(VI)**

**Il-Vici-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq il-mozzjoni Nru 56/2012(VI).

"Nipproponi biex minnufih l-Kunsill joħroġ l-offerta għar-restawr tal-istatwa ta' San Gużepp wara li l-Kunsill irċieva parti mis-somma minn skema li kien applika għaliha l-Kunsill għal dan il-għan. "

**Il-Kunsillier Charles Farrugia** ssekonda din il-mozzjoni

**Ivvutaw Favur Disa' (09) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-Mozzjoni 56/2012 (VI).**

**11/05 RAPPORTI**

**11/05/01 PERFORMANCE APPRAISALS**

"Billi l-kuntratt ta' l-impjegati tal-Kunsill jipprovdi li fl-aħħar tas-sena finanzjarja l-impjegati għandhom jitħallsu l-*performance bonus*;

U billi r-regolamenti finanzjarji jipprovdu wkoll li dan il-Bonus

a. m'għandux ikun iżjed minn 10% tar-renumerazzjoni fil-każ tas-Segretarju Eżekuttiv, u
b. m'għandux ikun iżjed minn 6% tar-renumerazzjoni li jkunu qed jitħallsu fil-każ ta' l-impjegati;

U billi s-Segretarju Eżekuttiv irrikmanda fir-rapporti mressqa tal-*Performance Appraisals*, li l-impjegati għandhom jingħataw il-*performance bonus* kif imsemmi 'l fuq;

Qed jiġi riżolt li l-impjegati tal-Kunsilli jitħallsu l-ammont tal-*Performance Bonus* skont il-persentaġġ kif jidher hawn taħt;

U billi fl-opinjoni tiegħi, s-Segretarju Eżekuttiv għandu jingħata wkoll il-*performance bonus* kif imsemmi aktar 'l fuq;

| | |
|---|---|
| John Farrugia (01/01/2012 -18/04/2012) | 10% |
| Kenneth Brincat (01/04/2012 - 31/12/2012) | 10% |
| Marilyn Baldacchino Gatt | 6% |
| Ritienne Sammut | 6% |
| Karen Camilleri | 6% |
| Maria Lewis | 6% |
| Bernice Darmanin | 6% |

**Il-Vici-Sindku Jesmond Aquilina** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur id-Disa' (09) Kunsilliera**. Ħadd (0) ivvota kontra u ma kien hemm astensjoni waħda. Il-Kunsillier Charles Farrugia xtaq jirregistra li huwa ma astjeniex għall-*Performance Appraisal* taż-żewġ Segretarji Eżekuttivi iżda astenja li jinghata l-full tal-performance appraisal lill-impjegati u li r-raġuni kienet għaliex iħoss li ma jingħatax l-attenzjoni daqs kemm hu mistħoqq mill-impjegati.

**Il-Kunsill approva din il-Mozzjoni.**

**11/05/02 SEJĦIET TAL-OFFERTI: – HERITAGE TRAIL**

**Is-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat** ressaq ir-Rapporti ta' Aggudikazzjoni ppreparat mill-Kumitat tal-Ghazla :-

**Xogħlijiet ta' tisbiħ quddiem il-Kappella tal-Madonna tal-Ħlas**

Is-sejħa għall-offerti dehret fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern tat-23 ta' Novembru 2012, kif ukoll fil-Gazzetta Lokali ta' nhar l-Erbgħa 21 ta' Novembru, liema sejħa għalqet nhar il-Gimgħa, 4 ta' Jannar 2013 fl-12.00pm.

Il-Kaxxa tat-Tenders infetħet fil-4 ta' Jannar 2013, mis-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat, fil-preżenza tal-Kunsilliera Ralph Puli u tal-Kunsillier Charles Farrugia.

Għal din is-sejħa, l-Kunsill irċieva (1) offerta waħda biss;

| | | |
|---|---|---|
| 1. | RMS Ltd | € 90,161 |

Il-Bord, kompost mis-Sindku Rosianne Cutajar, mill-Viċi Sindku Jesmond Aquilina, u l-perit tal-Kunsill William Lewis, ltaqa' biex jiddiskuti dawn l-kwotazzjonijiet. Il-Kunsillier Ralph Puli kien skuzat.

Il-Bord jirrakkomanda biex l-offerta terġa toħroġ peress li l-ispiża kkwotata hija ferm aktar mill-*budget allocation* tal-proġett li huwa ffinanzjat minn fondi ewropej.

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni il-Kunsill japprova r-rakkomandazzjoni tal-Bord fejn "l-offerta terġa tinħareġ peress li l-ispiza kkwotata hija ferm aktar mill-*budget allocation* tal-proġett li huwa ffinanzjat minn fondi ewropej."

**Il-Vici-Sindku Jesmond Aquilina** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Disa' (09) Kunsilliera**. Ħadd (0) ivvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill approva din il-Mozzjoni. Il-Kunsill għandu jerġa' joħroġ l-offerta.**

**11/05/03** **Is-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat** ressaq ir-Rapporti ta' Aġġudikazzjoni ppreparat mill-Kumitat tal-Għażla :-

**Rinnovar ta' Playing Field f'Tal-Blat**

Is-sejħa għall-offerti dehret fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern tat-23 ta' Novembru 2012, kif ukoll fil-Gazzetta Lokali ta' nhar l-Erbgħa 21 ta' Novembru, liema sejħa għalqet nhar il-Gimgħa, 4 ta' Jannar 2013 fl-12.00pm.

Il-Kaxxa tat-Tenders infetħet fil-4 ta' Jannar 2013, mis-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat, fil-preżenza tal-Kunsilliera Ralph Puli u tal-Kunsillier Charles Farrugia.

Għal din is-sejħa, l-Kunsill irċieva (1) offerta waħda biss;

| | | |
|---|---|---|
| 1. | RMS Ltd | € 73,086 |

Il-Bord, kompost mis-Sindku Rosianne Cutajar, mill-Viċi Sindku Jesmond Aquilina, u l-perit tal-Kunsill William Lewis, ltaqa' biex jiddiskuti dawn l-kwotazzjonijiet. Il-Kunsillier Ralph Puli kien skuzat.

Il-Bord jirrakkomanda biex l-offerta terġa toħroġ peress li l-ispiża kkwotata hija ferm aktar mill-*budget allocation* tal-proġett li huwa ffinanzjat minn fondi ewropej.

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni il-Kunsill japprova r-rakkomandazzjoni tal-Bord fejn "l-offerta terġa' tinħareġ peress li l-ispiża kkwotata hija ferm aktar mill-*budget allocation* tal-proġett li huwa ffinanzjat minn fondi ewropej."

**Il-Vici-Sindku Jesmond Aquilina** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Disa' (09) Kunsilliera**. Ħadd (0) ivvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill approva din il-Mozzjoni. Il-Kunsill għandu jerġa' joħroġ l-offerta.**

**11/05/04 Il-Vici-Sindku Jesmond Aquilina skuza ruhu mill-laqgħa.**

**11/05/05 Intant, is-Sindku ressqet mozzjoni biex jiġi ffurmat il-Bord tal-Aġġudikazzjoni: Rural Heritage Trail from tal-Blat to Tal-Ħlas: Street Furniture**

Chairperson: Rosianne Cutajar (Sindku)

Deputy Chairperson: Jesmond Aquilina (Vici-Sindku)

Membri: Perit William Lewis, Kunsilliera Ralph Puli, Charles Farrugia

Segretarju : Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat

**Il-Kunsillier Charles Farrugia** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Tmien (08) Kunsilliera**. Ħadd (0) ivvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill approva din il-Mozzjoni.**

## 11/06 KORRISPONDENZA

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-korrispondenza dwar: **DOK 'D 1-6'**

1. Ittra mis-Sur Ġuże' Cutayar dwar proposta biex il-Kunsill Lokali jikteb lill-Kunsill ta' Feyzin u jitlob li jsir Ġemellaġġ. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li f'dan l-istadju għandhom jinżammu r-rapporti ta' ħbiberija mingħajr il-ħtieġa li jsir ġemellaġġ.

2. Ittra mill-Qormi Clay Shooting Club dwar talba biex jinxtara apparat għall-użu tat-tfal. Il-Kunsill iddeċieda li jiltaqa' magħhom.

3. Ittra mingħand Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri sabiex il-kunċert (skont il-kuntratt li l-Kunsill għandu mal-baned) isir f'Ottubru 2013. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 11/07 INFORMAZZJONI

**11/07/01** **Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** gibed l-attenzjoni tal-Kunsill li qed jirċievi bosta lmenti dwar is-servizz tal-Bulky Refuse meta l-kontijiet baqgħu jiżdiedu flok jonqsu. Il-Kunsill approva b'mod unanimu sabiex il-kuntratt ma' jiġix imġedded malli jittermina f'Settembru 2013 u jibdew jsiru l-preparamenti biex isir tender ġdid billi jinħatar Bord magħmul minn tlett kunsilliera peress li hemm bżonn li d-dokument tal-offerta jiġi rivedut qabel jinħareġ.

**11/07/02** **Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** informa lill-Kunsill li wara li ressaq ilmenti dwar nuqqas ta' ndafa fil-widien, dehru xi artikli fuq gazzetta lokali. Il-Kunsillier kompla li skont kif deher fuq il-gazzetti għandu jsir tindif fil-widien mill-Ministeru tal-Affarijiet Rurali u Rizorsi.

**11/07/03** **Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ġibed l-attenzjoni dwar il-bżonn ta' manutenzjoni ta' Triq Għar Ram fejn nofsha hija fir-responsabbilta' tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi u nofsha fir-responsabbilta' tal-Kunsill Lokali Ħaż Żebbuġ. Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi issuġġerixxa li ssir laqgħa mas-Sindku ta' Ħaż Żebbuġ dwar din it-triq biex issir manutenzjoni konġunta. Il-Kunsill approva nem.con li ssir din il-laqgħa.

**11/07/04** **Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** talab lill-Kunsill biex iz-zebra crossing li hemm fi Triq il-Wied (kantuniera ma' Triq il-Mitħna) tersaq aktar l gewwa, filwaqt li għandha ssir oħra fil-parti t'isfel ta' Triq il-Mitħna. Il-Kunsill qabel li jressaq dawn it-talbiet lit-TM.

**11/07/05** **Il-Kunsillier Sean Meli** talab lill-Kunsill biex tiżdied zebra crossing fi Triq San Edwardu. Il-Kunsill għandu jivverifika din it-talba dwar jekk hux possibli li ssir qabel ma titressaq lit-TM.

**11/07/06** **Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi u l-Kunsillier Sean Meli** talbu biex il-Kunsill jikteb lit-TM sabiex tinżebagħ il-pedestrian crossing li saret taħt il-pont ta' Triq il-Mitħna u sabiex titressaq bi ftit metri il-*pedestrian crossing* l-oħra li tinsab fil-kantuniera. Il-Kunsill għandu jibgħat dawn l-osservazzjonijiet lit-TM.

## 11/08 AĠĠORNAMENT

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar il-Ħamis 7 ta' Frar 2013 fis-6:30 ta' fil-għaxija.

Il-laqgħa ntemmet fid-09:20 ta' fil-għaxija.

Rosianne Cutajar
Sindku

Kenneth Brincat
Segretarju Eżekuttiv

Minuti approvati llum ........................ ......... ta' ....................... 2013.
(Jum) (Data) (Xahar)